

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2013/C 379/08)



*Il-wiċċ nazzjonali ta' munita commemorattiva ġdida taż-żewġ (2) euro intenzjonata għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Ġermanja*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Il-Ġermanja

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** Baden-Württemberg mis-serje "Lander"

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Il-parti ta' ġewwa tal-munita turi l-Monasteru ta' Maulbronn li fih jinsab l-aktar kumpless ta' monasteru medjevali ppreservat b'mod perfett fit-Tramuntana tal-Alpi. Imwaqqaf fl-1147, dan il-kumpless ilu Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO mill-1993. Fin-naħa ta' fuq, is-sena tal-ħruġ "2013". Fuq in-naħa t'isfel l-iskriżzjoni BADEN-WÜRTTEMBERG u taħtha l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-ħruġ "D". Il-marka taż-żekka, rappreżentata mill-ittra A, D, F, G jew J, tinsab fuq in-naħa tal-lemin. Fil-qiegħ fuq ix-xellug l-inizjali tal-artist.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 30 miljun

**Data tal-ħruġ:** Frar 2013

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).